MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Numru 478/2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Eamnuel Camilleri ta' 60 sena bin John u Francesca nee' Gatt imwieled fiż-Żejtun fit-3 ta' Jannar 1945 u li joqgħod fil-fond numru 6 Triq Marsaxlokk Żejtun detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 64945 (M)

Akkużat talli:

1) Fit-18 t'April, 2005 għall-ħabta tas-6.30 fil-għodu mill-ħanut bl-isem ta' Brooklyn Bar sitwat fi Pjazza Bjar Żejtun kkommetta serq ta' flus kontanti u ħwejjeġ oħra għad-dannu tad-diriġenti ta' l-imsemmi ħanut, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltija (Lm1000) u bil-ħin;

2) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu tad-driġenti ta' l-

imsemmi ħanut, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħames mitt lira Maltija (Lm500);

3) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq,jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

4) U fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta ħsara fuq il-vettura ta' l-għamla Hyundai Accent Reg. No. GVO-024 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema ħsara hija aktar minn Lm10 pero' inqas minn Lm50.

5) U finalment talli sar reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 649 tas-sena 1945 li huwa l-istess numru tal-karta ta' l-identita' ta' l-imputat; il-verbal fejn l-imputat ta ruħu b'notifikat biċ-ċitazzjoni kif miżjuda bir-raba' imputazzjoni; il-presentazzjoni formalment minn Johann Feneċh tal-vettura Hyundai Exċel bin-numru tar-reġistrazzjoni FAA 193 li hija il-vettura ta' l-imputat (fol 4); il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri ikunu sommarji (fol 5); il-kunsens ta' l-imputat biex il-proċeduri jkunu sommarji u r-risposta tiegħu li mhux ħati a fol 6; is-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Pulizija Spettur Lawrence Miċallef vs Emanuel Camilleri' ta' l-10 ta' Diċembru 1995 fejn l-imputat ma kienx kkundannat imma kien lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat iehor fi żmien sentejn millum (fol 9 u 10); l-istqarrija li għamel l-imputat fil-11 ta' April 2005 (fol 15 sa 17); l-istima tal-ħsara li saret fuq il-karozza tal-pulizija (fol 15); il-fedina penali ta' l-imputat (Fol 19); il-current incident report, fol 22 sa 25 (effettivament dawn huma żewġ current incident reports, wieħed magħmul rigwardanti serq mill-Brooklyn Bar u l-ieħor magħmul mill-imputat stess dwar serq ta' deheb; il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr. J Padovani Grima dwar 'Serq u ħsara fil-ħanut bl-isem Brooklyn Bar sitwat fi Triq il-Bjar Żejtun li seħħ fit-18 ta' April 2005' (fol 35); id-

dikjarazzjoni magħmula mid-difiża a fol 39 fejn qalet li ‘bl-ebda mod ma qed tikkontesta li saret ħsara fil-bieb in kwistjoni, liema ħsara diġa kienet ampjament imħallsa’; il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr. J Padovani Grima intitolat ‘Serq bi sgass u ħsarat fuq Brooklyn Bar Żejtun li jġib id-data ta’ l-4 ta’ April 2006’; ir-relazzjoni ppreżenta minn PC 1261 Charles Pace a fol 47; xi riċevuti wkoll li jidhru a fol 66 sa 74 tal-proċess; kif wkoll id-dokumenti li jinsabu a fol 109 u 112 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensur u ta’ l-abbli prosekutur.

Ikkonsidrat

Illi l-ispettur Carmelo Magri xehed illi fit-18 ta’ April 2005 kellu informazzjoni illi xi ħadd daħal ġewwa il-Brooklyn Bar u dan billi l-ewwel uża vettura biex għamel ħsara fil-bieb ta’ barra. Kien hemm xi flus u top up vouchers li kienu qegħdin fil-counter. Meta marru għand l-imputat, sabu li l-karozza tiegħu kellha xi ħsarat quddiem u għal hekk ħassew il-ħtieġa li jġibu lis-CID biex jagħmlu analiżi forensiċi. Dan ix-xhud kien infurmat illi kien hemm xi mechaniċal fit, kien hemm xi biċċiet taż-żebgħa li kienu identiċi għal dik iż-żebgħa li nstabet fuq il-post ma dik tal-karozza. Waqt l-investigazzjoni, l-imputat għazel li jirrispondi għall-mistoqsijiet illi kienu għamlulu l-pulizija. Fil-fatt kien ammetta li kien hu li għamel ħsara fil-bieb u baqa’ dieħel bil-vettura tiegħu ġol-bieb pero nnega li daħal ġol-post biex jisraq.

<u>L-istqarrija ta’ l-imputat</u>

Din ttieħdet fid-19 ta’ April 2005 fis-6.30pm. L-imputat mill-ewwel qal li kellu x’jaqsam ma l-inċident tal-ħsara fil-Brooklyn bar li qiegħed fi Pjazza Bjar fiż-Żejtun. Anzi huwa qal ‘jiena kissirtu’ pero qal li ‘jiena ma sraqt xejn.’ Huwa spjega illi kien qed jieħu drink fil-Brooklyn Bar bħas-soltu. Kien hemm Louis Spiteri li jieħu ħsieb il-bar u qallu jekk riedx jixtri ċappetta tad-deheb li tiswa LM450.

Louis Spiteri rega għamillu offerta għal prezz inqas u l-imputat ma tkellem xejn. Din imbgħad ħadha għall-prezz ta' LM250.

Hin minnhom ħass lil Louis Spiteri ixejjer idu u l-imputat qala' daqqa ġo rasu. Miss rasu u ra li idu kienet bid-demm. Waqa' fl-art u beda jaqla' mingħand Louis Spiteri. Meta ħareġ barra, iċ-ċappetta li kien xtara ma sabhiex. Qabad it-triq u mar l-għassa bil-mixi biex jagħmel rapport ta' dak li kien ġralu (fol 16). Fil-fatt dan huwa kkollaborat bil-ħin u d-data ta' meta sar l-inċident għaliex dawn jidhru fil-current incident report tat-18 ta' April 2005 u report time kien 00.30am. Huwa qal li kien daħal fil-karozza tiegħu li kienet pparkjata quddiem il-Brooklyn Bar. Huwa kien saq dritt għal ġol-bieb tal-Brooklyn Bar. Sar b'lura u telaq 'l hemm. Huwa ma niżel mill-karozza fl-ebda ħin. Huwa induna li kellu puncture fuq ir-rota ta' quddiem ta' kontra ix-xufier pero baqa' sejjer. Huwa kellu jmur l-isptar San Luqa biex jiddewwa u ħadulu x-ray. Ma setgħux jagħmlulu punti f'rasu għaliex il-ġilda kienet xrafet. Huwa qal li meta faqa' l-bieb kien waħdu u nnega li kien ħa flus mill-cash register. Hu ma kellu x'jaqsam xejn man-nuqqas ta' flus u telecards mill-ħanut.

Mistoqsi jekk kienx għamel xi ħsara fil-karozza tal-pulizija GBB 024 Hyundai Accent waqt li kien l-għassa taż-Żejtun, l-imputat qal li jekk għamel xi ħsara kien lest li jħallasha. Pero ma jiftakarx li għamel hekk. Huwa qal li kien qala' xebgħa, ħassu li ġie misruq u dik kienet ir-raġuni għala ġab ruħu hekk.

Ġie ppreżentat ukoll ir-rapport tal-ħsarat fil-karozza tal-pulizija, liema ħsarat kienu jammontaw għal LM45.

L-ispettur Johann Fenech esebixxa il-vettura ta' l-għamla Hyundai Excel bin-numru FAA 193 li hija l-vettura ta' l-imputat Emanuel Camilleri (fol 26). Ġiet wkoll ppreżentata sentenza tal-21 ta' Novembru 1975 fl-ismijiet 'Il-Maesta Tagħha r-Reġina vs Emanuel Camilleri' li jidher li kien iben il-mejjet John u li fiha l-imputat kien kkundannat għal lavori forzati għal tliet snin.

Mill-proces verbal jirrizulta li nġabru xi blood swabs minn fejn kien hemm il-billiards ġewwa l-hanut kif wkoll blood swab minn ma' l-art barra l-bar, blood swab minn fuq il-bieba tal-bank li kien hemm wara il-bar. Is-seroloġista is-Sur Robert Cardona kkonstata illi kien hemm presenza ta' demm ta' nisel uman. Minn fuq il-kampjuni ta' l-imputat dawn mmarkaw bhala O Rheusus Positive filwaqt li dak li nstab kien Grupp O.

Mill-atti ta' l-inkjesta jirriżulta wkoll li skond l-espert tekniku Joseph Zammit, il-ħsara tal-quddiem tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAA 193 kienet ġiet kkaġunata riċentament u ma kinitx komparabbli mal-ħsarat, l-aktar brix u sadid li kien fiha fuq diversi partijiet tagħha din il-vettura (fol 46 tal-proċes verbal).

Xehed PS 1261 Charles PaCe li kien aċċeda ġewwa il-Brooklyn Bar fiż-Żejtun u nnota li kien hemm ix-shutter bil-ħsara u xi affarijiet li kienu fit-triq kienu ġew elevati. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tiegħu flimkien mar-referenzi li sab dwar l-affarijiet waqt illi a fol 50 inġabar ukoll it-tgħarif li kien taħt id-direzzjoni ta' PC 1261 Charles Pace. Dan kien nnota li kien hemm xi tiċpis ta' lewn ħamrani ma' l-art ħdejn il-billiard table kif ukoll ma l-art wara l-bar u ma bieba tal-cupboard wara l-bar. U għal hekk kienu inġabru tliet swabs (fol 50).

L-istess PC 1261 Charles Pace kien għamel tfittxija għal xi impronti diġitali iżda din it-tfittxija kienet fin-negattiv.

Xehed is-Serologista a fol 56 u 57, il-konklużjoni li ġibed kienet li d-demm li nstab fuq ix-xena tar-reat huwa ta' Grupp O u l-kampjuni tad-demm ta' Leli Camilleri huwa O Rheusus Positive u ta' persuna oħra huwa A Rheusus Positive. Huwa kkonkluda li d-demm li nstab fuq ix-xena tar-reat huwa simili għal ta' Leli Camilleri (fol 57 u 58).

Xehed ukoll Saviour Spiteri illi qal li hu kien id-dar meta ċempillu s-sid fit-18 ta' April 2005. Hu sar jaf illi Louis Spiteri u l-imputat kienu argumentaw xi ftit. Hu kien ikkalmahom, ħarighom barra u għalaq il-hanut u imbgħad

minn hemm hekk baqgħu mexjin il-proċeduri. Dan ix-xhud qal li għalaq il-ħanut u ma kellu xejn fih u x'ġara eżatt wara ma kienx jaf. Meta mar id-dar, sid il-ħanut Jason Desira qallu biex imur jara x'ġara fil-ħanut għax kienet daħlet karozza. Huwa ma kienx sab il-karozza hemm hekk biss sab ħġieġ imkisser u kollox imkisser. Il-bieb tax-shutter u warajh tal-ħġieġ. Huwa sab magna tal-logħob imkissra kif wkoll billiard mifqugħ minn ġewwa. Peress li pprova jikkontrolla sa dak il-ħin, il-flus li ma jħallix id-dar jeħodhom miegħu u kellu ammont. Huwa qal li l-ammont kien bejn Lm2800 u LM3200 għax kien għadu kif jixtri l-cards tal-Go Mobile u Vodafone u kellu xi fidda u kellu l-cash u ma sabhomx hemm hekk (fol 62). Meta kien rritorna kien sab il-ħsara u sab l-affarijiet imkissrin u l-flus neqsin. Il-cards kien għadu jixtriehom u dawn kienu tal-Vodafone u tal-Go Mobile. Ix-xhud kompla jgħid illi hu ma kien approfitta xejn, la mill-arloġġ u lanqas miċ-ċappetta, kien ġabarhom waħdu u żammhom u meta staqsa għalihom is-CID jew min kien, dan ix-xhud qallu 'hawn huma.' Dan ix-xhud ma kienx jaf jekk l-imputat kellux informazzjoni li effettivament l-affarijiet kien żammhom hu. Dan ix-xhud ukoll ppreżenta riċevuti li juru li l-ħsara tal-bieb kien tħallas mill-imputat (fol 63). Huwa qal li l-ammont kien madwar LM450. Huwa qal li kien hemm żewġ riċevuti ta' Lm400 u oħra ta' Lm60 u imbgħad hu kien għamel xi spejjeż ta' LM135 imma fuq dawn il-LM135 ma kienx avviċina lill-imputat. A fol 64 dan ix-xhud qal li fuq il-ħsara ma kellux iktar xi jgħid l-imputat. Iżda baqa' jinsisti li hu kien misruq il-flus. Huwa ppreżenta dokument li kien sar għand l-avukat Dr. Joe Brincat fejn Saviour Spiteri x-xhud ddikjara li hu rċeva l-ammont kollu tal-ħsarat li hu ġarrab minħabba l-agir ta' Emanuel Camilleri ID 64945M ta' 6 Triq Marsaxlokk Żejtun, u liema ħlas kien isir a saldu u għal hekk ma hemm ebda pretensjonijiet ulterjuri dwar il-ħsarat ulterjuri tal-bieb ta' barra ta' Saviour Spiteri kontra Emanuel Camilleri (fol 74).

Id-difiza eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' biex jixhed lis-Sur John Sacco li kien perit imqabbad mill-Maġistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima u a fol 64 jidher li l-istima tal-ħsarat kienet ta' Lm450. Bhala suspettat ta' dan is-serq Saviour Spiteri kien rrefera għall-imputat.

Effettivament ukoll f'dan ir-rapport, is-serq jidher li kien LM2000 fi flus kontanti u imbgħad kien hemm cards ta' l-Etalk li kienu jammontaw għal  LM835.

Xehed ukoll Jason Desira li huwa l-owner tal-ħanut Brooklyn Bar li jinsab f'Misraħ il-Bjar iż-Żejtun.  Qal li ma kienx involut għax kien qiegħed id-dar u wara sar jaf b'dawn l-affarijiet.  Huwa qal li l-imputat kien aċċetta li daħal hemm hekk hu.  Huwa qal ukoll li kien laqatlu billiard, baqa' dieħel gewwa, kissirlu logħba u seraq il-flus minnha.  Il-ħsara fil-billiard meta kien mistoqsi mill-Qorti, ix-xhud qal li lanqas irid tagħha iżda kien ser ifittxu tal-kaxxa li kienet tiswa' LM650 u forsi kien fiha LM400 jew Lm300 tal-kaxxa.  Il-kaxxa hija game tal-flus.    Din il-kaxxa kien ilu ġimgħa ma jiftaħha u għal hekk kien qed jagħmel kalkolu kemm normalment ikun fiha ta' ġimgħa. Ix-xhud qal illi l-imputat kien kisser kexxun.  A fol 88 dan ix-xhud qal 'Ma nafx jekk hux l-imputat pero l-bieb hu kissru.' U kompla jghid 'Mhux qed ngħid li hu ħadhom jew kisser il-kaxxa hu.  Jiena rieqed id-dar kont.'  Ix-xhud qal illi huwa kien ħafer lill-imputat imbasta jħallas tal-bieb u ta' l-ispejjeż.    Fil-kontro eżami ix-xhud qal illi l-bieb kien tiegħu pero l-ħanut ma kienx f'idejh dak iż-żmien.  Kien qed imexxieh Spiteri.  Min kien imexxi kien iħallas il-kera lix-xhud.  U hawn kien mistoqsi mill-avukat, qallu inti taf li l-imputat ħallas LM900 għall-bieb?  U x-xhud wieġeb li kien jaf u hawn hekk ssemmew żewġ bibien.  Ix-xhud spjega li kien hemm ix-shutter kif wkoll il-bieb ta' l-aluminium.  Huwa lanqas kien fittex lill-imputat ta' l-irħam.

Xehed l-imputat fis-7 ta' Marzu 2007.  Huwa qal illi l-ħanut kellu vending maċhine.  L-imputat ġieli kellu jagħti lil sid il-ħanut LM200 u sid il-ħanut ġieli kellu jagħtih LM1000. Darba l-imputat kien ma sieħbu u Louis Spiteri kien staqsieh biex jixtri ċappetta.  Hu qallu din tiswa LM400 u kull ma rrid tagħha LM250.  L-imputat xtraha u baqghu jixorbu.  Imbghad inqala' argument żgħir ma ċertu Pawlu. L-imputat qal li ma kienx jaf fuq xiex kien l-argument u forsi qal xi kelma żejda u ħass daqqa u instabat ma l-art. U hawn esebixxa xi ritratti.  L-istess ma kienx jaf kif qam mill-art pero sab ruhu fl-għassa tal-pulizija u l-pulizija qalulu li kien ta xi daqqa ta ponn lill-karozza u ried

iħallashom wkoll tagħha. Hu kien xurban. L-imputat qal a fol 99 illi veru kien ta daqqa ta' karozza lill-bieb u tahielu darbtejn u imbgħad qabad it-triq u telaq 'l fuq. Huwa qal li kien xurban għax kieku ma kienx jagħmel dawk l-affarijiet f'dak il-ħin ta' filgħodu. Hu ma kienx daħal fil-ħanut u baqa' jgħid li anke lis-CID kien qalilhom li l-bieb veru kien daħal go fih imma mhux veru illi kien ħa xi affarijiet. U dwar il-cards qal li kieku dawn seraqhom hu kien jinqabad minħabba illi meta tbiegħhom tinkixef l-indentita' tiegħek meta tispiċċalek. Huwa qal li tal-ħsara kien ħallas u ta' l-inqas kien ta ċekk ta' LM1000 (ara fol 100) waqt li ċ-ċekk l-ieħor kien reġa' ddepositah il-bank. Huma kienu qalulu li jekk jagħtihom il-flus ma kienux jipproċedu kontrieh. Huwa ppreżenta fotokopja taċ-ċekk li waqqaf. Huwa illi bl-LM1000 li kien ħallas kien għamel bieb modern attrezzat bir-remote ċontrol b'kollox. U l-imputat esebixxa skrittura fejn is-sid tal-ħanut kien aċċetta LM1000 tal-ħsarat. Dwar is-serq, l-imputat baqa' jinnega. Fil-kontro eżami huwa qal li kien ilu jaf lis-sidien għal ħafna żmien (fol 103) u waqt il-ġlieda jaħseb li kien madwar 10 min-nies. Imbgħad spjega li hu ġieli lill-machine kien rebħilha Lm1000 u kien jgħidlu tal-ħanut 'Lel, jimporta nagħtihomlok imbgħad għax ma għandix.' Dak inhar ma kellu jagħtih xejn. U għall-mistoqsija tal-Qorti hu baqa' jgħid li dak inhar ma kellu jagħtih xejn u lanqas l-imputat ma kellu jagħti lil sid il-hanut.

Dwar iċ-ċappetta huwa qal li nduna li ma kintix għandu meta sabha nieqsa mill-but. A fol 106 huwa qal li sar jaf bin-nuqqas taċ-ċappetta wara li kien daħal fil-bieb. Huwa kien waħħal fin-nuqqas taċ-ċappetta f'tal-ħanut.

Dwar it-traċċi tad-demm fl-art, ix-xhud wieġeb li huwa kien hemm kwazi l-lejl kollu.

Mistoqsi direttament mill-prosekuzzjoni jekk kienx daħal gewwa biex jisraq il-flus biex jitħallas taċ-ċappetta, ix-xhud wiegeb li dan ma kienx veru. U hawn wera ċ-ċertifikat li hu kellu d-daqqiet. Lill-imputat kienu sawwtuh.

Hu ma kienx daħal la biex jieħu phone cards u lanqas sigaretti u l-aħħar ħaġa a fol 108 kienet illi hu jibqa' jgħid li l-bieb veru kissru pero ġol-ħanut ma kienx daħal.

Fir-ritratti jidhru d-daqqiet li kellu fuq wiċċu l-imputat u fuq partijiet oħra ta' ġismu imma b'mod partikolari fuq rasu u fuq wiċċu.

Ġab ukoll quotation, Dok MC li hija ta' xi bieb 120 by 120 u l-figura Lm290 jew Lm300.

A fol 109 jidher ukoll photocopy taċ-ċekk mill-HSBC datat 20 ta' Frar 2005 u li kien jammonta għal LM900 b'firma illi ma tingħarafx.

Xehed ukoll Grezzju Grech fis-7 ta' Marzu 2007 li kien d-dar u qal sema' ħoss filgħodu u ttawwal u ra lill-imputat jerġa lura u reħa daħal ġox-shutter tal-hanut. U telaq u daqshekk. Huwa seta' jara kollox għax kull ma kien hemm bieb bejnu u bejn il-ħanut. Dan kien filgħodu. Fil-kontro eżami dan qal li kien fil-kamra tas-sodda meta sema' l-ħoss filgħodu. U ried jgħid li kienu wara il-5.00am pero qabel it-8.00am. Huwa kien qam bil-ħoss. Huwa rega' qal a fol 116, 'rajtu dieħel ġox-shutter u rega lura u baqa' sejjer.' Lill-imputat qatt ma rah barra. Dak il-ħin kien hemm dawl biżżejjed. Dan ix-xhud baqa' jgħid li l-imputat ma niżilx minn ġol-karozza.

Xehed ukoll Pawlu Farrugia. Huwa qal li kienu qed jixorbu hu u l-imputat u Louis Spiteri qabad u waddab it-tazzi ġo wiċċhom. U l-imputat qallu biex ma jagħmilx hekk. Spiteri qabeż fuqu u tefgħu fl-art taħtu u daħħal idu ġol-but u imbgħad insomma mar jaqilgħu minn magħhom dan ix-xhud. Imbgħad ix-xhud telaq u imbgħad Louis Spiteri mar jigri warajh bil-van, qala' sikkina kbira għax-xhud u mar jigri warajh bi stikka tal-billiard u kissirha fuqu. Dan seħħ dak inhar stess ta' l-inċident. Huwa kien jaf li l-imputat xtara ċappetta tad-deheb li kien ġegħlu jixtri Louis Spiteri. Dan ix-xhud qal li kieku ma qagħadx mal-ħajt, kien itajjru bil-van tiegħu. Lill-imputat kien rah taħt Louis Spiteri. Dan ix-xhud qal li kien rraporta l-kaz fl-għassa imma ma jafx jekk kienux ħadu passi l-pulizija. Huwa qal li kien ra

lil Leli, jiġifieri lill-imputat xi jumejn wara. Il-prosekuzzjoni hawn staqsiet lil dan ix-xhud jekk kienx ma Leli meta baqa' jsuq bil-karozza tiegħu u daħal ġol-ħanut iżda x-xhud wieġeb li ma kienx hemm.

Xehdet ukoll Marie Therese Camilleri li qalet li kienu ċemplulha l-pulizija biex tmur għal missierha u kienu nizzluh Dellimara. Pero ried imur l-għassa u wasslitu l-għassa taż-Żejtun u baqa' sejjer bil-mixi. Huwa daħal fil-karozza u reġa' bil-quddiem fuq il-bieb tal-ħanut u għamel hekk għal darbtejn u saq u marru lura Dellimara. Il-bieb sa dak il-ħin ma kienx imkisser u d-daqqa kienet fil-karozza. Imbgħad missierha kien baqa' sejjer lejn Dellimara. Ix-xhud qalet li missierha baqa' fil-karozza, hu kien bil-karozza tiegħu waqt li hi kienet bil-karozza tagħha.

Mistoqsija mill-prosekuzzjoni jekk kinitx hemm waqt l-inċident kollu, din ix-xhud wieġbet illi kienet hemm il-hin kollu (fol 127). Hija qalet li missierha ma nizilx mill-karozza u lanqas daħal ġewwa. U reġgħet rrispondiet li missierha ma niżilx mill-karozza.

Xehed ukoll Rosario Zammit li qal xi tliet ġimgħat qabel l-inċident kien qiegħed fil-bar u kien mistoqsi minn sid il-bar jekk kienx jaf lil xi ħadd li jagħmel il-bibien bil-mutur. Huwa kien semmielu lill-persuna Emanuel Ciantar. Fil-fatt kien mar l-owner tal-Brooklyn bar flimkien mal-mara tiegħu u qallu x'kien ġara u talbu biex jagħmel il-kuntatti ħalli jsir il-bieb. Huma ltaqgħu xi sagħtejn wara u rranġaw biex jinbidel il-bieb u sa dan it-tant kien hemm sħabu ppruvaw jtellghu ix-shutter u ma setgħux u dan ix-xhud mar igib chaser sabiex jaqtgħuh. Sakemm niżel għaċ-chaser, kienu qalgħu il-bieb.

Il-bieb kien mifqugħ 'l gewwa u ma kienx jidher li jista' jidhol bniedem għax kien hemm ħafna ħġieġ ukoll. Huwa ddeskriva l-bieb bħala qisu pied 'l fuq mill-art. Dan ix-xhud qal li t-tnejn kienu ħbieb tiegħu. Għand wieħed kien jixrob u ma' l-imputat ġieli mar ha drink ukoll. Ix-xogħol fuq il-bieb jidher li sar l-għada għax kien ġie għalih d-dar Salvu u l-mara tiegħu.

Għal iktar mistoqsijiet mill-prosekuzzjoni, ix-xhud qal li x-shutter kien bid-daqqa ‘l ġewwa u kien merfugħ qisu xi pied mill-art. Warajh kien hemm bieb ta’ l-aluminium li aktarx kien iswed u l-bieb ta’ l-aluminium kien mifqugħ wkoll. Fil-fehma ta’ dan ix-xhud wieħed ma setax jgħaddi ‘l ġewwa u dan għaliex kien baxx ħafna li tgħaddi u bil-ħġieġ li kien hemm, min jgħaddi kien jitqatta’. Huwa baqa’ jsostni li ħadd ma seta’ jgħaddi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel imputazzjoni,**

Il-Prosekuzzjoni ressqet dawn il-provi dwar l-ewwel prova:

(a) L-istima tas-serq mogħtija lill-Perit Tekniku John Sacco li kienet tammonta għal madwar Lm2,875;

(b) Ix-xhieda ta’ Saviour Spiteri a fol 62 li xehed li kellu bejn 28 hundred u 32 hundred;

(ċ) Riċevuta tal-vodafone li juri li fil-11 ta’ Marzu 2005 li juri li kien inxtara Voucher Pack ta’ 75 li bil-VAT b’kollox kien jiswa LM349.58;

(d) Xhieda serologa li turi li d-demm misjub kien simili għal dak ta’ l-imputat.

Mill-bqija, jidher li saret inferenza li ġaladarba l-imputat daħal fil-bieb tal-ħanut bil-karozza tiegħu, allura dan imbagħad daħal ġewwa u wettaq is-serqa.

Il-Qorti qieset dawn il-fatturi:

(a) Li l-imputat qatt ma nnega li daħal fil-bieb iżda konsistentment ċaħad li huwa wettaq xi serq;

(b) Li skond ix-xhieda ta’ bint l-imputat, huwa kien daħal fil-bieb bil-karozza iżda imbagħad immedjatament saq lura u qatt ma ħareġ mill-karozza;

(ċ) Li x-xhud Rosario Zammit – ħabib kemm ta' min kien jiġġesitxxi l-ħanut u ta' l-imputat – xehed li l-bieb kien elevat xi pied mill-art u għalhekk ma setax jgħaddi bniedem biex jidħol fil-ħanut;

(d) Li Grezzju Grech – li sema' l-ħoss tad-daqqa ġol-bieb – xehed li ra lill-imputat dieħel ġox-shutter u reġġa' lura u baqa' sejjer. (fol.116).

(e) Li l-prova tad-demm hija limitata għax tistabilixxi biss li d-demm li nstab fuq il-post huwa **simili** għal dak ta' l-imputat. Peress li din mhix prova ta' DNA ma twasslx għal dak il-konvinċiment morali li d-demm kien ta' l-imputat bilfors.

(f) Li wkoll jekk kien ta' l-imputat, dan ta spjega għall-preżenza ta-demm minħabba x-xebgħa li qala' u saħansitra ppreżenta ritratti tal-feriti li juru li huma miksija bid-demm. Barra dan, kienu l-Pulizija stess li meta mar jagħmel ir-rapport qalulu biex jara tabib.

Il-Qorti mhux tagħmel l-assunzjoni li ġaladarba l-imputat daħal fil-bieb, allura huwa daħal u seraq. Biex tasal għall-deċiżjoni dwar ħtija, il-Qorti jrid ikollha provi aktar sodi – bħal, per eżempju, impronti diġitali (li ma kienx hemm), sejbien tar-res furtiva fuq, ħdejn jew għand l-imputat, xhieda okulari li rawh iwettaq id-delitt, stqarrija ta' l-imputat lill-Pulizija, stqarrija ma' xi pulizija jew persuna oħa jew xi video ċamera lit kun ġibdet l-azzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova ħlief li l-imputat daħal fil-bieb u kissru.

**Fl-assenza ta' provi konkreti, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.**

**It-Tieni Imputazzjoni**

Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat li seħħet. L-imputat ammetta dan

irr-eat fl-istqarrija tiegħu u minn fuq il-peda tax-xhieda baqa' jinsisti li huwa kien għamel ħsara lill-bieb iżda li serq ma kienx wettaq. Barra minn dan bintu stess xehdet li missierha daħal fil-bieb.

Dwar l-entita' tal-ħsara, jirriżulta b'mod ċar li s-sid spiċċa b'bieb aħjar milli kellu qabel u li kien diġa' qed jippjana għalih kif jirriżulta mix-xhiea ta' Rosario Zammit. Ingħataw diversi figure ta' xi tħallas lil sid il-Bar u kien hemm kontestazzjoni dwar kemm kient tammonta l-vera ħsara. Fir-relazzjoni tal-perit tekniku John Saċċo din il-ħsara kienet valutata' ta' madwar Lm450 (fol.59 tal-Proċes-Verbal).'. Għalhekk il-Qorti, qed tieħu din il-figura biex tkun tista' tqis il-gravita' tar-reat irrispettivament xi tħallas..

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta.

**It-Tielet Imputazzjoni – Riċetazzjoni.**

Il-Qorti ma sabet ebda prova fil-proċess dwar din l-imputazzjoni li jidher li ngħatat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni – ħsara lill-vettura tal-Pulizija**

Dwar din hemm ammissjoni fl-istqarrija ta' l-imputat u għamel referenza ħsara fil-karozza tal-Pulizija waqt ix-xhieda tiegħu. L-imputat skuża ruħu u mill-ewwel offra li jħallas. L-ammont tal-ħsara kien ta' Lm45 (fol.18).

Il-Qorti qed issib lill-impjutat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Il-Ħames Imputazzjoni – Ir-Reċidiva.**

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat żewġ sentenzi: (i) is-sentenza ta' l-10 ta' Diċembru 1995; (ii) is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1975.

Dik ta' l-10 ta' Diċembru 1995 kienet illiberat lill-imputat b'kundizzjoni għal sentejn. Tali sentenzi mhumiex kundanni u għalhekk mhumiex validi bħala prova tar-reċidiva.

Is-sentenza l-oħra kienu għaddew minnha aktar minn 5 snin u minħabba li l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet ta' serq, m'għandha ebda valur għall-iskop ta' imputazzjoni ta' reċidiva.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.**

**Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263,267,270, 280(1), 325(1)(b)(ċ), u 334 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat ħallas l-ispejjeż kollha tal-ħsara u li qabel kien aggredit minn min kien jiġġestixxi l-ħanut.**

**Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b) u 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal piena karċerarja ta' tmien (8) xhur liema piena m'għandhiex tidħol fis-seħħ sakemm l-imputat ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.**
**Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat.**

**Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------